

# Oqsma tad-Dfin fil-Furjana

Kitba ta' Eman Bonnici

Kienu bosta dawk l-oqsma li matul perjodi diversi servew għal skop ta' dfin fil-Furjana. Waqt li wħud minnhom għadna nistgħu narawhom weqfin, fl-istat oriġinali jew ħjiel minn dan tal-aħħar, diversi minnhom spiċċaw għalkollox u ż-żmien għatta mhux biss il-lok fejn darba kienu weqfin, iżda wkoll nessa t-tifkira tagħhom. Għalhekk permezz ta' dan l-artiklu, sejrin nagħtu daqsxejn ta' ħarsa lejn kull wieħed minn dawn l-oqsma, sew jekk għadna nistgħu narawhom u wkoll jekk le.

## Il-Kripta tal-Kapuċċini

Bla dubju ta' xejn l-aktar qasam partikolari ta' dfin fil-gżejjer tagħna jinsab taħt il-kunvent u l-knisja ddedikata lis-Salib Imqaddes tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini. Hawn jestendi sotterran li jaf l-oriġini tiegħu lil ċertu P. Ġużepp Grech OFM. Cap., minn Bormla, li fost id-diversi ħidmiet tiegħu, ngħoddu proprju t-tħaffir ta' din il-kripta bejn l-1725 u l-1730, bl-ispejjeż



*Dettall mill-Kripta tal-Kapuċċini*

imħallsa mill-Granmastru Manoel de Vilhena. Xejn partikolari, jaħseb dak li jkun, hu u jaqra dan. Wara kollox, sotteranji simili wieħed isibhom faċilment taħt il-parti l-kbira tal-knejjes. Dak li sawwar din il-kripta f'lok uniku kienet idea partikolari li l-Kapuċċini introduċew f'pajjiżna: dik tal-mummifikazzjoni u l-preżervazzjoni tal-iġsma ta' diversi membri tal-Kustodja. Sabiex tiġi ċċarata mill-ewwel domanda li fis jistaqsi min jisma' b'din il-biċċa, ma jfissirx li l-Kapuċċini kollha kienu jiġi ppreżervati b'dan il-mod, iżda numru sostanzjali, b'mod speċjali dawk li kienu meqjusa li għexu ħajjithom b'virtù partikolari, sabiex hekk wara mewthom, iservu ta' gwida għall-viżitatur, b'mod speċjali għall-istess patrijiet, li kienu sikwit jinżlu għat-talb fil-kripta. Dawk li mbagħad kienu jindifnu maż-żmien kienu jiġu eżumati u l-għadam tagħhom imqiegħed b'disinn mal-ħitan tal-kripta.

L-idea li jiġu ppreservati l-iġsma b'dan il-mod f'pajjiżna, il-Kapuċċini aktarx ġabuha minn Sqallija, fejn taħt il-kunvent u l-knisja tagħhom ta' *Santa Maria della Pace* fil-belt ta' Palermu, sal-lum wieħed għadu jista' jara mat-8,000 mummja mqassma f'għadd ta' kategoriji. Filwaqt li għal bosta l-idea tal-preżervazzjoni tal-iġsma tinstema' makabra għall-aħħar, mhux hekk kienet għal tant oħrajn mhux biss fi Sqallija, iżda wkoll f'għadd ta' bnadi oħra fl-Ewropa, fejn sal-lum għadna nistgħu naraw kripti sħaħ mimlija katavri mqadda u preżervati. Bla dubju, l-aktar mummja devota preżervata fis-sotterran tal-Furjana, kienet dik ta' Fra Krispin Zammit mir-Rabat, Għawdex, li miet b'fama ta' qdusija ta' 79 sena nhar il-11 ta' Marzu 1869. Dan l-ajk twajjeb ma kienx l-uniku wieħed li n-nies irrikorriet lejh b'devozzjoni matul is-snin. Miegħu nżidu l-ismijiet ta' Fra Adrijanu minn Castrogiovanni, Sqallija, liema post illum huwa magħruf bħala Enna, li miet fil-kunvent tal-Furjana fl-1614 u li l-fdal tiegħu

nstab ippreżervat f'kaxxa taċ-ċomb proprju waqt it-tħaffir tal-kripta; Fra Klement minn Ragusa, li miet fl-istess sena ta' Fra Adrijan; u P. Wistin Zammit minn Bubaqra li miet fl-1729 u li bosta mirakli jingħad li kienu attribwiti lilu sew f'ħajtu u wkoll wara mewtu.

Jekk min jaqra jiddarras mill-ħsieb tal-katavri mmumifikati tal-Kapuċċini u jaħbat ser joqgħod lura milli jżur il-kripta, m'għandux għalfejn, għax mat-tiġrif tal-knisja u l-kunvent fit-Tieni Gwerra Dinjija s-sotterran ġie mbarrat u meta aktar tard reġgħet infetħet mill-ġdid u ġiet irrestawrata għad-dehra preżenti grazzi għat-tħabrik ta' P. Franġisk Azzopardi minn tas-Sliema fl-1979, il-mummji tqiegħdu fl-ossarju tal-kripta u wieħed illum ma jsibx għajr tnejn: dik ta' Fra Krispin u ta' Kapuċċin ieħor li ismu ma waslilniex u l-mummja tiegħu nżammet bħala xhieda ta' kif il-katavri kienu jiġu mqadda mill-Kapuċċini.



*Il-mod ta' kif kien isir id-dfin ta' wħud mill-Patrijiet Kapuċċini*

## Il-Kripta u ċ-Ċimiterju Pubbliku ta' San Publju

Filwaqt li taħt il-knisja ta' San Publju kienet testendi kripta simili ta' dawk li wieħed jiltaqa' magħhom fil-biċċa l-kbira tal-knejjes Maltin, li llum inbidlet f'sala parrokkjali, biswit tagħha kien jeżisti darba sotterran ieħor, dari magħruf bħala ċ-"Ċimiterju Pubbliku", li sal-lum għad fadal min isejjaħlu "tal-Gvern", sewwasew taħt is-sezzjoni balavostrata biswit il-knisja li fiha wieħed isib il-lapidi li jfakkru lil Dun Mikiel Xerri u sħabu u l-vittmi Furjaniżi tat-Tieni Gwerra. Filwaqt li llum dan is-sotterran mhuwiex għajr maħżen, lura għal żmien l-Ordni kien qasam ta' ċerta importanza, mhux biss għax sar minn flus l-Università, iżda fuq kollox għax kien iservi għad-dfin ta' bosta, il-biċċa l-kbira għall-Beltin. L-estensjoni ta' din il-kripta ma' dik eżistenti taħt il-knisja, li għalkemm kont tasal għaliha minn din tal-aħħar ma kellha xejn x'taqsam mal-ewwel waħda, kellha fid-daħla tagħha s-simbolu tal-mewt u stemma kbira b'kuruna fuq ġewwa, li iżda l-iskud tagħha fin-nofs maż-żmien intilef jew ġie mibrux kif ġralhom bosta stemmi oħrajn matul il-perjodu tal-Franċiżi.

Il-ħsieb li jitħaffer dan is-sotterran inħoloq wara n-nuqqas totali ta' ftehim mal-idea tal-Granmastru de Rohan li bena ċimiterju fi Blata l-Bajda sabiex iwaqqaf id-dfin minn biswit is-*Sacra Infermeria* u li spiċċa baqa' vojt għax in-nies ma għoġobhiex, għaldaqstant l-Università offriet li minflok issir estensjoni mal-kripta tal-knisja ta' San Publju u li tintuża proprju għal dan l-istess għan min-nies tal-Belt u eventwalment skont il-ħtieġa f'każi diversi. Bla dubju, l-aktar persuna prominenti li ndifnet f'dan is-sotterran kien Dun Mikiel Xerri, il-patrijott Żebbuġi li ġie ffuċċillat mill-Franċiżi fis-17 ta' Jannar 1799. Miegħu sabu l-mistrieħ tagħhom il-qalbiena l-oħra li sabu t-tmiem tagħhom flimkien miegħu fil-Pjazza tal-Palazz fil-Belt Valletta. Qabarhom maż-żmien intilef u ebda ħjiel ma fadal minnu. Filwaqt li l-kripti sofrew danni kbar matul it-Tieni Gwerra mal-waqgħa tal-knisja, ħsarat kbar oħra seħħew fis-snin sebgħin tas-seklu għoxrin meta ħadu n-nar.

## Ċimiterju Musulman

L-ilsiera ta' tmewwin Iżlamiku fi żmien l-Ordni, kellhom qasam art għad-dfin tagħhom fil-Furjana li tteħdilhom mal-kostruzzjoni tal-fortifikazzjonijiet tal-Furjana u li minfloku ngħataw lok ieħor fil-Marsa mill-Granmastru Nicolas Cotoner, liema midfen inkixef bla ħsieb fi Frar tas-sena 2012 waqt li kien għaddej xogħol ta' skavar fit-telgħa ta' Spencer.

## Il-Fossa tal-Glasis

Meta dari kienu jiġu ġġustizzjati l-ikkundannati għall-mewt fil-fossa tal-glasis tal-Furjana, il-katavru tal-ikkundannat kien fis jindifen fil-post f'ħofra li titħaffer dak il-ħin fil-ħamrija mir-Rużarjanti, li kienu jakkumpanjaw lill-iġġustizzjat sal-aħħar. L-aħħar persuna li ndifnet fil-glasis kien ċertu Ġużeppi Grech li dendluh f'Mejju tal-1825.

## Iċ-Ċimiterji tal-Ingliżi

Fil-Furjana kienu jeżistu darba ħames ċimiterji li ttellgħu fi żmien l-Ingliżi għall-użu tagħhom stess li minnhom illum ma fadalx għajr wieħed, li iżda wieħed irid fis isemmi, għax jinsab ikkurat u miżmum bl-aktar mod xieraq minn diversi voluntiera. L-ismijiet taċ-ċimiterji huma kif ġej: il-*Quarantine Bastion Cemetery*; il-*Cholera Cemetery*; il-*Greek Orthodox Cemetery*; l-i*Msida Bastion Cemetery* u l-*Presbyterian Cemetery*. Dak li salva sal-ġurnata tagħna minnhom kollha huwa r-raba' wieħed. Nagħtu għalhekk ħarsa ħafifa lejn kull wieħed minnhom.

Il-*Presbyterian Cemetery* kien jinsab fl-inħawi magħrufa bħala "*Hornworks Ditch*". Twaqqaf fl-1840 u ma ntużax ħlief għal madwar għaxar snin. Il-parti l-kbira ta' dawk li ndifnu fih kienu suldati Skoċċiżi membri tal-*42nd Royal Highlanders* u tan-*92nd Gordon Highlanders*. Meta eventwalment tneħħa, il-fdal ta' dawk midfuna fih u xi lapidi li kien għad fadal ittieħdu lkoll fiċ-Ċimiterju Militari tal-Pietà.

L-erba' ċimiterji oħra li saru fi żmien l-Ingliżi u li ssemmew aktar 'il fuq, kienu jinsabu lkoll fl-inħawi li llum huma magħrufa bħala Belt is-Sebħ u flimkien kienu jiffurmaw 'l hekk imsejħa *Floriana Bastion Cemeteries*. Il-*Quarantine Bastion Cemetery* kien wieħed żgħir li l-ispazju tiegħu ma damx ma mtela kollu u eventwalment spiċċa mitluq. Ġie distrutt meta fih intefa' t-terrapien tad-djar imġarrfa mill-bombi tal-għadu fit-Tieni Gwerra fil-Belt u l-Furjana u eventwalment tneħħa sabiex jagħmel spazju għal-lukanda *Excelsior*. L-istess sehem mess lill-*Cholera Cemetery* u lill-*Greek Orthodox Cemetery*. Filwaqt li l-ewwel wieħed laqa' fih il-vittmi Ingliżi tal-kolera tal-1865, it-tieni kien riżervat, kif jixhed l-istess ismu għal persuni tal twemmin Grieg Ortodoss. L-i*Msida Bastion Cemetery*, li d-dfin fih dam għaddej sat-tieni nofs tas-seklu dsatax, għadna nistgħu mill-banda l-oħra narawh wieqaf u konservat wara snin ta' restawr mill-ħsarat kbar li sarulu mhux biss bl-elementi naturali matul is-snin, iżda wkoll sforz tal-bombi li waqgħu fih matul it-Tieni Gwerra u l-vandaliżmu li tiegħu spiss safa mira. Fih, sabu l-mistrieħ tagħhom fost l-oħrajn il-magħruf kittieb u diplomatiku Ingliż John Hookham Frere (1769 - 1846), u Mikiel Anton Vassalli (1764 - 1829), imsejjaħ kif tant jixraqlu "Missier l-Ilsien Malti", liema difna sfat mhux darba u tnejn suġġett ta' kontroversja sforz li jinstab il-lok preċiż li fih Vassalli tniżżel għall-mistrieħ tiegħu.

Għalkemm il-parti l-kbira tal-oqsma li servew għad-dfin fil-Furjana llum il-ġurnata spiċċaw, dawk li fadal huma eżempji tassew waħdiena: filwaqt li l-i*Msida Bastion Cemetery* fih dehra tassew partikolari u miżmuma, il-kripta tal-Patrijiet Kapuċċini tibqa' xempju uniku fl-istorja tad-dfin f'pajjiżna, u jekk illum hawn min jiddarras hekk kif jisma' b'dan, mhux hekk kien għal missirijietna, għax kienu bosta dawk li matul is-snin fittxew li huma wkoll jindifnu f'dan is-sotterran, b'mod speċjali membri ta' klassijiet għonja, waqt li viżitaturi u devoti, imqanqla sew mill-kurżità u sew mill-ħtieġa spiritwali, ma naqsu qatt milli jżuru l-kripta u l-mummji tagħha, u għalkemm illum ma fadalx għajr niċeċ vojta, li fihom dari kien hemm weqfin il-Kapuċċini mmumifikati, bosta huma dawk li għadhom iżuru l-kripta sabiex jaraw b'għajnejhom huma wkoll x'kienet sewwasew din l-affari, waqt li forsi f'widnejhom tidwi wkoll dik il-famuża frażi li l-Kapuċċini sikwit jehmżu jew inaqqxu f'postijiet simili: "Dak li inti int illum, xi darba konna aħna; dak li aħna aħna, xi darba għad tkun int!"

**Biblijografija**


Attard, Timotju (1955), *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kappuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan*.

Azzopardi, Francis (1982), "The Capuchin Cemetery at Floriana", *Heritage: An encyclopedia of Maltese culture and civilization*, issue 43.

Cremona, Ninu (1975), *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*.

Ferres, Achille (1866), *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*.